

— Fuq is-sistema ta' evalwazzjoni

1. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal, tar-regoli fil-qasam tat-tqassim tal-oneru tal-prova, tal-projbizzjoni li tittieħed deċiżjoni *ultra petita* u tad-drittijiet tad-difiża tal-appellant.
2. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju. L-appellant isostni li, fis-sentenza kkontestata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (iktar 'il quddiem it-"TSP") diversi drabi jmur lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ tiegħu, u jidher li jrid jimponi fuq sistema ta' evalwazzjoni partikolari.
3. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi fir-rigward ta' nuqqas ta' oġġettività ta' sistema ta' evalwazzjoni mingħajr punti u ksur tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal.

— Fuq is-sistema ta' promozzjoni

4. Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-projbizzjoni li tittieħed deċiżjoni *ultra petita* u tad-drittijiet tad-difiża tal-appellant.
5. Il-ħames aggravju huwa bbażat fuq ksur tar-regoli fil-qasam tat-tqassim tal-oneru tal-prova.
6. Is-sitt aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-ksur mill-appellant tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Ġunju 2015 – Vakakis vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-292/15)

(2015/C 294/88)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Vakakis International – Symvouloi gia Agrotiki Anaptixi AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: B. O'Connor, Solicitor, S. Gubel u E. Bertolotto, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tikkundanna lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 340 TFUE tħallas kumpens lir-rikorrenti għad-danni kollha mġarrba minħabba l-aġir illegali tagħha matul il-proċedura kkonċernata għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, inklużi:
 - l-ispejjeż marbuta mal-parteċipazzjoni fil-proċedura sħiħa għall-għoti ta' kuntratt pubbliku;
 - l-ispejjeż marbuta mal-kontestazzjoni tal-legalità tal-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku;
 - it-telf ta' profitti; la perte de bénéfices;
 - it-telf ta' opportunitajiet.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' amministrazzjoni tajba u ta' aspettattivi leġittimi kkodifikati mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju") u mill-Gwida Prattika tal-proċeduri kuntrattwali fil-kuntest tal-azzjonijiet esterni tal-UE (iktar 'il quddiem il-"PRAG") billi naqqset milli tikkontrolla b'mod xieraq il-proċedura ta' sejħa għal offerti u twestaq investigazzjoni mingħajr dewmien u tipprovdi informazzjoni kompleta dwar l-investigazzjoni tal-ilment imressaq minn Vakakis.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq id-dannu mġarrab mir-rikorrenti minħabba l-amministrazzjoni ħażina tal-Kummissjoni u d-deċiżjoni tagħha li tagħti l-kuntratt lil Agriconsulting.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq id-dannu mġarrab mir-rikorrenti minħabba l-amministrazzjoni ħażina tal-Kummissjoni u l-ksur tal-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif ukoll l-ksur tal-Artikolu 94 tar-Regolament Finanzjarju u tal-punt 2.3.6. tal-PRAG.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2015 – European Union Copper Task Force vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-310/15)**

(2015/C 294/89)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: European Union Copper Task Force (Essex, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: C. Fernández Vicién u I. Moreno-Tapia Rivas, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/408 tal-11 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 80(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jistabbilixxi lista ta' kandidati għas-sostituzzjoni, sa fejn japplika għall-komponenti tar-ram;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tbatu l-ispejjeż ta' din il-proċedura

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/408 tal-11 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 80(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jistabbilixxi lista ta' kandidati għas-sostituzzjoni ġie adottat fuq bażi illegali, bħala Regolament Nru 1107/2009, b'mod partikolari l-Artikoli 24 u l-punt 4 tal-Anness II tiegħu, jiksru d-dritt tal-UE
- ir-rikorrenti ssostni li jirriżulta minn provi xjentifiċi li l-kriterji ta' persistenza, b'joakkumulazzjoni u tossiċità (iktar 'il quddiem "PBT"), b'mod partikolari l-persistenza, ma humiex xierqa għar-ram.